

Brussell, 30 ta' April 2019
(OR. en)

8916/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0099 (NLE)

ACP 49
WTO 128
COASI 69
RELEX 437

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' April 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 204 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 204 final.

Mehmuż: COM(2019) 204 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2019
COM(2019) 204 final

2019/0099 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità
Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-proposta meħmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali għall-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea (UE), tal-ađeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa waħda u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE.

Fit-12 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negożjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).

Fit-30 ta' Lulju 2009, l-UE ffirmat il-FSE bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra. Il-FSE ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-Istat Indipendenti ta' Papua New Guinea, ir-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi u l-Istat Indipendenti ta' Samoa mill-20 ta' Diċembru 2009, it-28 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Diċembru 2018, rispettivament.

L-Artikolu 80 tal-FSE jagħti l-possibilità lil Gżejjer oħra tal-Paċifiku biex jaderixxu mal-Ftehim. Għaldaqstant, fl-4 ta' Ġunju 2018, il-Gżejjer Solomon ressqu talba lill-Kunsill flimkien ma' offerta ta' aċċess għas-suq biex ikollhom aċċess għall-FSE. Il-Kummissjoni evalwat l-offerta u, wara modifiki, qieset li kienet aċċettabbli. Għaldaqstant, hija kkonkludiet in-negożjati f'isem l-Unjoni fit-23 ta' Ottubru 2018.

Il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri tal-UE bil-fomm u bil-kitba dwar il-proċess tal-ađeżjoni mal-Gżejjer Solomon permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP tal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew ġie wkoll infurmat permezz tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tiegħu (INTA). It-test ta' din l-offerta ta' aċċess għas-suq li rriżultat min-negożjati mal-Gżejjer Solomon ingħadda liż-żewġ istituzzjonijiet fl-20 ta' Novembru 2018.

Il-modifiki tekniċi neċessarji tal-Ftehim biex jittieħed kont tal-ađeżjoni għad iridu jiġu miftiehma mill-Partijiet tal-FSE (l-UE, Papua New Guinea, Fiġi u Samoa).

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta timplimenta l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, kif l-aħħar emendat ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE", jew il-Ftehim ta' Cotonou)¹.

L-ađeżjoni tal-Gżejjer Solomon fil-FSE bejn l-UE, Fiġi, Papua New Guinea u Samoa², li huwa ftehim ta' kummerċ asimetriku u kompatibbli mad-WTO, issaħħaħ il-qafas legali tar-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-pajjiżi sħab u tiffaċilita l-kummerċ reċiproku. Tinkorpora wkoll lill-Gżejjer Solomon fir-reġim ta' regoli konġunti u fl-istituzzjonijiet stabbiliti mill-FSE.

¹ ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3 Il-Ftehim kif emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

Il-Gżejjer Solomon huma mistennija jiggradwaw mill-kategorija tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDC) fl-2021. B'konsegwenza ta' dan, se jtilfu l-preferenzi Kollox ħliet Armi (EBA) tal-UE tliet snin wara. Minn dak iż-żmien, il-formola standard tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP) se tapplika għall-esportazzjonijiet tal-Gżejjer Solomon lejn l-UE, li madankollu hija anqas ġeneruża mill-EBA. Biex iżommu aċċess sħiħ mingħajr dazju għas-suq tal-UE, il-Gżejjer Solomon ikollhom bżonn jingħaqdu mal-FSE eżistenti bejn l-UE, Fiġi, PNG u Samoa.

Sakemm jitlestew il-proċeduri interni relatati mill-Fiġi, Papua New Guinea u Samoa, huwa previst li l-UE u l-Gżejjer Solomon għandhom japplikaw il-Ftehim b'mod proviżorju, bil-kundizzjoni li jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dan il-għan, f'konformità mal-Artikolu 76(3) tal-Ftehim.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika fih dispożizzjonijiet dwar Żvilupp Sostenibbli (l-Artikolu 3), fejn il-Partijiet jafferaw mill-ġdid li l-għan tal-iżvilupp sostenibbli għandu jkun parti integrali tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, konsistenti mal-oġġettivi u l-prinċipji ewlenin stabbiliti fil-Ftehim ta' Cotonou, u b'mod speċjali l-impenn ġenerali biex jitnaqqas u eventwalment jinqered il-faqar b'mod li jkun konsistenti mal-għanijiet ta' żvilupp tal-iżvilupp sostenibbli.

Il-FSE huwa ftehim kummerċjali orjentat lejn l-iżvilupp li joffri aċċess asimetriku għas-suq lill-Gżejjer Solomon u jippermettilhom jiproteġu lil setturi sensittivi mil-liberalizzazzjoni, filwaqt li jipprovdi għadd kbir ta' salvagwardji u klawsola ta' protezzjoni għall-industrija li għadha tibda. Huwa fih ukoll dispożizzjonijiet dwar ir-regoli ta' oriġini li jiffaċilitaw l-esportazzjonijiet tal-Gżejjer Solomon fl-UE. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkontribwixxu għall-oġġettiv ta' Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp u huma konsistenti mal-Artikolu 208(2) TFUE.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Il-politika kummerċjali komuni, f'konformità mal-Artikolu 3 tat-TFUE, hija definita bħala kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-impjenji internazzjonali tal-Unjoni, kif stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, b'mod partikolari biex jiġu konklużi arranġamenti ġodda ta' kummerċ kompatibbli mad-WTO li qiegħdin progressivament ineħħu l-ostakli għall-kummerċ bejn il-Partijiet u jtejbu l-koooperazzjoni fl-oqsma kollha rilevanti għall-kummerċ.

- **Għażla tal-istrument**

Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġġettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibilità (VIS) tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika UE-AKP twettqet bejn l-2003 u l-2007. It-termini ta' referenza għal dan il-proġett ġew ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea fl-2002 f'sejħa kompetittiva għal offerti. Bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-offerti, ingħata kuntratt qafas ta' ħames snin lil PwC ta' Franza f' Awwissu 2002. Abbozz tar-rapport finali tal-VIS tressaq quddiem il-partijiet ikkonċernati fl-Ewropa matul laqgħa ta' Djalogu tas-Soċjetà Ċivili tal-UE organizzata mill-Kummissjoni Ewropea fit-23 ta' Marzu 2007 fi Brussell, il-Belġju.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-approvazzjoni tal-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon tal-FSE mhijiex soġġetta għal proċeduri ta' REFIT; ma tinvolvi l-ebda spejjeż għall-SMEs tal-Unjoni; u ma tqajjem l-ebda kwistjoni mil-lat tal-ambjent diġitali.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Fl-2021, il-Gżejjer Solomon mistennija joħorġu mill-kategorija tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati; minħabba dan, se jkompli jibbenefikaw mill-inizjattiva "Kollox Ħlief Armi" li toffri aċċess għas-suq mingħajr dazju u mingħajr kwoti fl-UE għal perjodu tranżitorju li jikkorrispondi għal tlett snin wara din id-data. Mhu se jkun hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja minħabba li l-adeżjoni mal-Ftehim se tkompli l-aċċess għas-suq tal-Gżejjer Solomon fl-UE bl-istess termini.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Benefiċċji tal-adeżjoni għall-atturi ekonomiċi**

Il-FSE jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex l-operaturi ekonomiċi tal-UE jkunu jistgħu jisfruttaw kull vantaġġ mill-opportunitajiet bejn l-ekonomiji rispettivi tagħna. Matul l-implimentazzjoni tiegħu, il-FSE se jkun qed jiffranka lill-esportaturi tal-UE ta' prodotti industrijali lejn il-Gżejjer Solomon milli jħallsu d-dazji doganali. Il-Ftehim jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 (għall-eliminazzjoni tad-dazji u r-regolamenti restrittivi l-oħrajn tal-kummerċ fir-rigward ta', sostanzjalment, il-kummerċ kollu bejn il-partijiet), jiġifieri 90,3 % tal-linji tariffarji, li jikkorrispondi għal 83 % tal-volum tal-esportazzjonijiet tal-UE matul 15-il sena. Il-Gżejjer Solomon se jibbenefikaw miż-żamma tal-aċċess tagħhom għas-suq tal-UE mingħajr dazju u mingħajr kwoti.

Il-FSE jistabbilixxi wkoll sett ta' dixxiplini fl-oqsma tal-iżvilupp sostenibbli; l-ostakli tekniċi għall-kummerċ; u l-miżuri sanitarji u fitosanitarji fost oħrajn. Barra minn hekk, il-Partijiet tal-FSE jipparteċipaw fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim. Il-possibilità li l-UE tagħmel użu mill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim bilaterali previst skont il-Ftehim tikkontribwixxi għall-għan li jiġi żgurat ambjent trasparenti, mhux diskriminatorju u prevedibbli għall-operaturi tal-UE fil-pajjiżi tal-Paċifiku.

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Gżejjer Solomon se jieħdu sehem fil-Kumitat Kummerċjali, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 68 tal-FSE, li għandu jittratta l-kwistjonijiet kollha li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, fosthom il-monitoraġġ u r-rieżami tal-implimentazzjoni tiegħu, il-koordinazzjoni u konsultazzjoni dwar il-kwistjonijiet tal-OTK u tal-SPS, l-identifikazzjoni u r-reviżjoni ta' setturi u prodotti ta' prijorità, kif ukoll l-oqsma ta' prijorità li jirriżultaw għall-kooperazzjoni, u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet għal modifiki tal-Ftehim. Il-Kumitat Kummerċjali għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikoli 1 u 2 tal-proposta jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni, tal-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-FSE u dwar in-notifiki sabiex jintwera l-kunsens tal-Unjoni Ewropea għall-adeżjoni u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 76(3) tiegħu.

L-Artikolu 3 jispeċifika li l-approvazzjoni tal-adeżjoni ma tridx tiġi interpretata fis-sens li tagħti xi drittijiet jew timponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qorti jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku³.
- (2) Fit-30 ta' Lulju 2009, l-Unjoni (il-Komunità Ewropea ta' dak iż-żmien) iffirmit Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra⁴ (il-“Ftehim Interim ta' Sħubija”), li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika. Il-Ftehim Interim ta' Sħubija ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-Istat Indipendenti ta' Papua New Guinea, Ir-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi u l-Istat Indipendenti ta' Samoa mill-20 ta' Diċembru 2009, it-28 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Diċembru 2018, rispettivament.
- (3) L-Artikolu 80 tal-Ftehim jistipula d-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-adeżjoni ta' Stati Gżejjer tal-Paċifiku oħra.
- (4) Fl-4 ta' Ġunju 2018, il-Gżejjer Solomon ressqu talba ta' adeżjoni lill-Kunsill flimkien ma' offerta ta' aċċess għas-suq.
- (5) Il-Kummissjoni evalwat l-offerta tal-Gżejjer Solomon u, wara emendi, qisitha aċċettabbli. Għaldaqstant, hija kkonkludiet in-negozjati mal-Gżejjer Solomon fit-23 ta' Ottubru 2018.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 76(3) tal-Ftehim, l-Unjoni u l-Gżejjer Solomon għandhom japplikaw provviżorjament il-Ftehim għaxart ijiem wara li jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.
- (7) L-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni Ewropea,

³ Id-Direttivi tal-Kunsill għan-negozjati ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni tal-AKP (9930/02 (DG E II) HH/sg).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/729/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim Interim ta' Sħubija”), hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni, mingħajr preġudizzju għad-depożitu min-naħa tal-Gżejjer Solomon tal-att ta' adeżjoni skont l-Artikolu 80 tiegħu.
2. It-testi tal-offerta ta' aċċess għas-suq tal-Gżejjer Solomon huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.
3. Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jinnotifika lill-Partijiet tal-Ftehim Interim ta' Sħubija u lill-Gżejjer Solomon dwar l-approvazzjoni, min-naħa tal-Unjoni, tal-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon mal-Ftehim Interim ta' Sħubija.

Artikolu 2

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Solomon, il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika msemija fl-Artikolu 76(3) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija f'isem l-Unjoni.
2. L-Unjoni u l-Gżejjer Solomon għandhom japplikaw proviżorjament il-Ftehim Interim ta' Sħubija għaxart ijiem wara li jkunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub, f'konformità mal-paragrafu 1, dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 3

L-approvazzjoni tal-adeżjoni tal-Gżejjer Solomon ma għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tagħti xi drittijiet jew timponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President